MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 693/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Aaron Schembri**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzonjiet migjuba fil-konfront ta' Aaron Schembri ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Edwin u Natalie neè Galea, imwieled Pietà fid-9 ta' Jannar 1984, residenti 102, Whistle, Triq Santa Marija, Tarxien u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 101584(M) talli fit-3 ta' Gunju 2011, f'xi hin wara nofsinhar, waqt li kien fl-istores ta' l-istabbiliment li jgib l-isem B4 Textiles sitwat f'Zabbar Road, Fgura, u f'dawn il-gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt liema delitt, u cioè ta' offiza ta' natura gravi, ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu, liema ferita kieku saret kellha il-konsegwenzi li ggib sfregu gravi u permanenti fil-wicc ta' Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien;
2. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta' natura hafifa (salv kumplikazzjonijiet) fuq il-persuna ta' Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien skond kif iccertifikat Dr. Diane Balzan, Reg. 2111, mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid;
3. Ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi hebb ghal Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;
4. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tipprovdi ghas-sigurtà ta' Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ezami ta' l-imputat fejn wiegeb li ma huwiex hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

Rat in-Nota Rinviju ta' l-Avukat Generali datata 26 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) L-Artikolu 214, 215 u 218(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) L-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(c) L-Artikolu 17 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2011 inqraw l-Artikoli u li wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kawza tieghu titmexxa bi procedura sommarja, huwa iddkjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "SZ1" a fol. 7 u 8 tal-process, il-personal details' form ta' l-imputat markata Dok. "SZ2" a fol. 9 tal-process u certifikat mediku mahrug minn Dr. Diana Balzan fir-rigward tal-griehi sofferti minn Gerald Buhagiar markat Dok. "GB1" a fol. 10 tal-process;

Semghet ix-xhieda ta' Gerald Buhagiar moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2011[1], ix-xhieda ta' l-Ispettur Spiridione Zammit moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Gunju 2011[2] u tat-28 ta' Lulju 2011[3] u rat id-dokumenti esebti minnu markati Dok. "SZ1" a fol. 19 u 20 tal-process – stqarrija rilaxxata mill-imputat – u Dok. "SZ2" a fol. 21 sa' 23 tal-process – rapport tal-Pulizija dwar l-incident in kwistjoni - u Dok. "GV1" a fol. 38 tal-process – estratt tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, semghet ix-xhieda ta' Terence Vella moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju 2011[4], ix-xhieda ta' Dr. Diana Balzan moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2011[5], ix-xhieda tal-Kirurgu Mr. Dennis Gatt moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Ottubru 2011[6] u tad-9 ta' Mejju 2013[7] u rat ir-Rapporti tieghu datati 2 ta' Ottubru 2011 u 6 ta' Mejju 2013 rispettivament a fol. 55 tal-process u fol. 78 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-imputat moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2012[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 83 u 84 tal-process u semghet it-trattazzjoni orali finali da parte tad-Difiza u tal-Prosekuzzjoni;

Rat in-Nota pprezentata minn Gerald Buhagiar fis-7 ta' April 2014 u s-sentenza annessa maghha;

[1] Fol. 15 sa' 17 tal-process.
[2] Fol. 24 sa' 26 tal-process.
[3] Fol. 37 tal-process.
[4] Fol. 27 u 28 tal-process.
[5] Fol. 33 u 34 tal-process.
[6] Fol. 56 u 57 tal-process.
[7] Fol. 76 u 77 tal-process.
[8] Fol. 69 sa' 71 tal-process.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**:

Mill-provi prodotti jirrizulta li dakinhar tat-3 ta' Gunju 2011 inqala argument bejn l-imputat u Gerald Buhagiar gewwa l-istabbiliment maghruf bhala B4 Textiles gewwa Zabbar Road, Fgura, fejn dak iz-zmien entrambe kienu impjegati. Jirrizulta wkoll li waqt dan l-argument l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Gerald Buhagiar u li b'konsegwenza ta' din id-daqqa ta' ponn l-istess Gerald Buhagiar sofra sfregju f'wiccu.

Gerald Buhagiar spjega dak li gara dakinhar ta' l-incident bil-mod segwenti: *jiena nahdem il-B4 Textiles u l-istess negozju ha decizjoni li ma jkunx hemm aktar koncessjonijiet ta' over time. Fil-fatt ittiehdet ukoll id-decizjoni li s-Sibtijiet jinhadmu darba iva u darba le u dawna jinhadmu darba minni u darba mill-imputat Aaron Schembri li qed naghrfu fl-Awla. Hemm ukoll is-senior li jiehu hsieb l-istores kollha. Ghall-ewwel kollox beda miexi sew izda ghal dawn l-ahhar hmistax, Aaron beda jaghmel xi xoghol matul is-siegha u l-erbgha. Dan ix-xoghol beda jsir ghand in-nies allura b'hekk kien qed jigwadanja dik ix-xi haga zejda. Is-senior taghna qalli b'dan il-fatt u qalli jekk jiena ridtx nahdem is-Sibtijiet u ma jahdimhomx Aaron billi Aaron gja kien qed jiehu l-extra minn dan ix-xoghol li ghadni kif semmejt. Jiena bhalissa qed naghmel il-kmamar tat-tfal id-dar u allura rajtha piuttost zejda li nahdem is-Sibtijiet. Gie fuqi l-imputat u staqsieni kif ser nibqghu u jiena ghedtlu li jkun ahjar jekk is-Sibtijiet jibda jahdimhom kollha hu. Dak il-hin Aaron x'hin ghedtlu hekk ma qalli xejn u jiena ssugerejtlu li jkellem lis-senior tieghu Terence Vella. Dan id-diskors sar il-bierah ghall-habta ta' nofsinhar. Naf imbaghad li l-imputat nizel ikellem lill-persuna li tirranga l-appuntamenti u rranga maghha kif ukoll kellem lill-owner li jismu Claude. Dan mar ikellimhom minn jeddu. L-uniku suggeriment li jiena ghamilt kien li nitkellmu ahna u s-senior taghna biex naslu fi ftehim. Id-decizjoni jiena hallejtha f'idejhom. Kieku qaluli li s-Sibtijiet kien ser jahdimhom Aaron sakemm inlesti u nkun anqas busy ma kellix problema. Wara li sar dan id-diskors gie l-imputat fuqi u qalli "allura minn issa 'il quddiem is-Sibtijiet ser nibda nahdimhom jiena". Dak il-hin quddiem is-senior taghna Terence Vella staqsejtu x'ghamel, jekk fil-fatt marx ghand is-sinjur jigifieri s-sid jghidlu li jiena ma rridx nahdem is-Sibtijiet imbaghad f'daqqa wahda nqala' l-argument bejnietna. Dak il-hin l-imputat qalli xi haga però billi jiena nbati ftit mis-smigh ma smajtx ezattament x'qalli. Ghedtlu car u tond biex jaghraf kif ikellimni. Dak il-hin kont ghadni qed nitkellem maghhom u kont qed nahdem malajr ghax kelli mejda tal-kumpannija li rrid inlesti u* ***f'daqqa u l-hin l-imputat resaq lejja u tani daqqa ta' ponn***[9]*. Jiena waqajt ma' l-art u fuq il-post kemm is-senior tieghi kif ukoll l-imputat telqu. Jiena ippruvajt inqum biex niehu hsieb tieghi nnifsi u wara ftit regghu tfaccaw Aaron u s-senior taghna. Dak il-hin l-imputat hares lejja b'mod arroganti u qalli "int u lill-familja tieghek noqtolkom".*

Terence Vella, Supervisor fl-istores B4 Textiles, li kien prezenti fil-hin li inqala' l-argument bejn l-imputat u Gerald Buhagiar, xehed illi *nhar il-Gimgha li ghadda ghall-habta ta' nofsinhar jiena u Aaron tlajna fl-istore u hemmhekk sibna lil Gerald. Aaron huwa l-imputat li qed naghrfu fl-Awla. Fl-istore kien hemm ukoll Gerald Buhagiar. Gerald u Aaron kienu bdew jitkellmu fuq l-overtime. Hin minnhom*

[9] Enfasi tal-Qorti.

*Aaron nizel 'l isfel u Gerald qalli li mar ikellem lil Rosalie fuq l-overtime. Gerald lili qalli li li kieku kien ghalih, is-Sibtijiet kollha ma jahdimhomx hu. Wara ftit tal-hin Aaron rega' tela' fuq. Dak il-hin cempel it-telefon u jiena mort nirrispondi. Naf li bdew jitkellmu u li bdew jillitikaw bejniethom. Hin minnhom però, ma nafx min qalha, naf li smajt il-kliem "tkunx injorant".* ***F'daqqa wahda rajt li l-imputat mar u ta daqqa ta' ponn lil Gerald. Gerald dak il-hin kien bilqieghda ma' l-art qed jixkatla mejda. Aaron kien bil-wieqfa hdejn id-desk ma genbi u mar u ta daqqa ta' ponn lil Gerald. Qabel ma Aaron ta daqqa ta' ponn lil Gerald, bejnu u bejn Gerald kien hemm distanza ta' madwar tlett metri. Mad-daqqa Gerald inxtehet ma' l-art u kellu d-demm[10].*** *Jiena kif rajt hekk inzilt isfel u mort nirrapporta lis-superjuri tieghi.*

Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2012, l-imputat ma cahadx li kellu xi jghid ma' Gerald Buhagiar, ghalkemm jghid li dan kien imqabbad mieghu u persistentement jipprovokah, izda cahad li ta daqqa ta' ponn lill-istess Gerald Buhagiar. Fir-rigward l-imputat xehed hekk: *darba minnhom ahna konna qeghdin fuq u konna qeghdin nitkellmu dejjem fuq din il-kwistjoni ta' l-overtime, dana Buhagiar qalli li l-overtime kien ser jibda jahdmu hu u mhux aktar jiena u kelma gabet lill-ohra u spiccajna biex argumentajna. Dak il-hin Gerald Buhagiar kien gharkuptejh qed jixkatla xi affarijiet, jien ridt nimbuttah u l-hsieb tieghi kien li nimbuttah b'idi catta, però ghal xi raguni imbuttajtu b'idi b'forma ta' ponn. Jien però nichad li lil Gerald Buhagiar tajtu daqqa ta' ponn u peress li kien gharkupptejh lanqas stajt naghtih din it-tip ta' daqqa. Il-kwistjoni bejni u bejn Gerald Buhagiar, fejn dan kien jaqbad mieghi u jghajjarni fuq din il-kwistjoni ta' l-overtime kienet ilha ghaddejja ghal diversi xhur. Kien hemm kwistjoni ohra li fl-opinjoni tieghi li wasslet ghall-fatt li dan Buhagiar kien imqabbad mieghi. Din kienet li hu jisraq b'mod regolari minn fuq il-post tax-xoghol. Jiena dan kont nafu u Buhagiar kien jahseb li kont immur nghid lill-imghallem, jien però nichad li qatt ghidt lill-imghallem fuq dawn l-affarijiet. Fil-fatt illum il-gurnata Gerald Buhagiar ma ghadux jahdem hemmhekk u tkecca fuq kwistjonijiet ta' serq minn fuq il-post tax-xoghol. Jiena llum il-gurnata ma nistax niftakar ezattament x'qalli Buhagiar dakinhar li nqala' l-incident. Li niftakar fic-car li ahna bdejna nghiru lil xulxin u l-kwistjoni kibret. Kif diga ghedt l-imghallem taghna kien ta' spiss jghidilna biex il-kwistjoni insolvuha bejnietna u biex anke jtaffi s-sitwazzjoni kien poggiena f'zewg sezzjonijiet differenti. Buhagiar kien baqa' fl-istore u jiena kont niehu hsieb id-deliveries u l-armar ta' l-ghamara. Madanakollu gieli konna niltaqghu ghax jien gieli kien ikolli bzonn nitla l-istore biex ingib xi affarijiet. Fir-rigward ta' x'wassal ghall-incident li sehh dakinhar illi kellna xi nghidu bejnietna, nghid illi l-gurnata ta' qabel tlajt l-istore u smajt lil Buhagiar jghid xi diskors lill-imghallem dwar affarijiet li kien hemm fl-istore u qal u li din kienet b'referenza ghalija, fejn qal dawk ghamilthom jiena stess. Dan ma setax ikun ghax jien lanqas biss kont qieghed hemmhekk. Hemmhekk irrejalizzajt li fil-fatt kien veru li dan Buhagiar kien jghid diskors kontrija. L-ghada kif diga ghedt konna qeghdin nitkellmu, kif diga spjegajt Buhagiar kien qieghed gharkubtejh, kien qieghed jahdem b'xi bicca ghodda. Konna qeghdin nghidu diskors bejnietna u hu kien qed jghidli li mhux ser jibza minni u nerga' ntenni li dan id-diskors kien dejjem fuq il-kwistjoni ta' l-overtime. Jiena dak il-hin hsibt li kien ser jaghtini xi daqqa jew jaghmel ghalija bil-bicca ghodda li kellu f'idu w allura kif diga spjegajt imbuttajtu.*

---

[10] Enfasi tal-Qorti.

Ix-xhieda ta' l-imputat però ma hijiex affattu kredibbli. Jibda biex jinghad li ghalkemm huwa jallega li Gerald Buhagiar kien ipprovokah, ma hemm l-ebda prova – lanqas fuq bazi ta' probabilità – li sehhet tali provokazzjoni, la dakinhar ta' l-incident u wisq inqas fuq perijodu ta' zmien qabel l-incident. In kwantu rigwarda id-daqqa li l-imputat ta lil Gerald Buhagiar – kemm bhala tip ta' daqqa u kif inghatat din id-daqqa – l-imputat ma huwiex kredibbli f'dak minnu dikjarat quddiem din il-Qorti ghaliex dan huwa kontradett mhux biss mix-xhieda tal-vittma Gerald Buhagiar u mix-xhieda tax-xhud okulari Terence Vella, izda wkoll minn dak dikjarat *a tempo vergine* mill-imputat stess fl-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-Ispettur Spiridione Zammit. Fl-imsemmija stqarrija l-imputat ikkonferma li huwa ta daqqa ta' ponn lil Gerald Buhagiar. F'tali rigward huwa ddikjara *ghall-habta ta' xi nofsinhar tlajt fuq hdejn Gerald fl-istore u saqsejtu kif ser nahdmu ghal overtime ta' ghada, u hu wegibni li hu ma ghandux bzonn jaghmel l-overtime u ma jixtieqx jibqa jidhol is-sibtijiet. Jiena inzilt ghand is-segretarja li torganizza x-xoghol u ghamilt arrangement maghha biex is-sibt tibda thalliuli vojt mix-xoghol ta' barra biex jien inkun nista' nirriplejsja lil Gerald Buhagiar. Ergajt tlajt fl-istore fejn kien hemm Gerald u ghidtlu li kont irrangajt kollox rigward l-overtime tas-Sibt. Hawnhekk hu beda jidghi, ghax inharaq u ilu aktar minni u tawni aktar overtime lli,* ***u tajtu daqqa f'wiccu***[11]. Ghall-mistoqija ta' l-Ispettur Zammit *id-daqqa li tajtu kienet daqqa ta' ponn hux hekk?* l-imputat irrisponda ***Iva***[12].

Meta rinfaccjat b'din id-dikjarazzjoni waqt il-kontro-ezami tieghu fis-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2012, l-imputat iddikjara li *jien ghedt li tajtu daqqa ta' ponn li Gerald Buhagiar fl-istqarrija, ir-raguni kienet illi l-Ispettur li kien qed jaghmel id-domandi kien qed jippressani biex nghid li jien tajtu daqqa ta' ponn. Jiena lill-Ispettur kull darba bdejt nghidlu li ma tajtux daqqa ta' ponn, izda kull darba jdwarrali d-domanda biex jiena nghidlu iva tajtu daqqa ta' ponn. Meta l-Ispettur staqsieni tajtx daqqa ta' ponn lil Gerald Buhagiar u ghidtlu iva, din kienet ghar-raguni illi hu ghamilli mossa b'idu fis-sens illi ma tajtux daqqa bic-catt imma tajtu daqqa b'forma ta' ponn u kien ghalhekk illi irrispondejtu iva.* Huwa evidenti li l-imputat issa qed jipprova jxejjen dak li jirrizulta mill-istqarrija tieghu jew ta' l-inqas jipprova jaghtiha xejra differenti ghal dak minnu inizjalment dikjarat, izda ftit li xejn jista' jirnexxi f'dan meta waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2011 gie dikjarat mid-Difiza li l-istqarrija moghtija mill-imputat lill-Pulizija effettivament inghatat volontarjament mill-istess imputat.

Fir-rigward tal-griehi sofferti minn Gerald Buhagiar Dr. Diana Balzan, it-Tabib li kkurat lil Buhagiar meta mar ic-Centru tas-Sahha tal-Fgura, xehdet illi *Gerald Buhagiar kellu barxa ta' madwar centimetru u nofs u kontuzjoni fl-imnieher u ferita miftuha fuq il-mohh.* ***In-natura tal-ferita klassifikajtha bhala hafifa salv kumplikazzjonijiet***[13]. *Meta ezaminajt lil Buhagiar rajt li l-ghadma ta' l-imnieher kienet f'postha jigifieri kienet centrali u ma kienx hemm ksur u meta ghafastlu mniehru qalli li ma tantx kien mugugh.* ***Il-forma tal-ferita kienet ta' Y bil-maqlub fejn kull "arm" ta' dik il-Y kienet tul ta' centimetru wiehed. Ma nistax nghid ezattament kemm kellu punti izda nikkonferma li kellhom bzonn isiru xi punti***[14]. *Dakinhar ma ttiehedx X-Ray lis-Sur Buhagiar u ma nafx jekk hax X-Rays minn band' ohra. Ftit wara kont iltqajt mas-Sur Buhagiar*

[11] Enfasi tal-Qorti.
[12] Enfasi tal-Qorti.
[13] Enfasi tal-Qorti.
[14] Enfasi tal-Qorti.

*fil-kuritur izda ma qalli xejn dwar X-Rays jew le. Meta jiena invistajt lil Buhagiar dak il-hin ma kien hemm l-ebda indikazzjoni illi kellu ksur fi mniehru. Qed jigi suggerit lili li fil-fatt ittiehdu X-rays u irrizulta ksur nghid illi jiena l-X-rays ma rajthomx.* ***Jiena qed naghraf lil Gerald Buhagiar fl-Awla u qed inhares lejn il-ferita li ghandu fuq imniehru u nghid li dik tigi klassifikata bhala wahda permanenti. Jiena nghid li din hija permanenti ghar-raguni li ladarba kien hemm ferita fonda fil-gilda, din tibqa' tidher***[15].

Il-Kirurgu Mr. Dennis Gatt, nominat minn din il-Qorti bhala Espert ghall-fini li jezamina lil Gerald Buhagiar u jirrelata dwar il-ferita li ghandu, xehed illi *jiena ezaminajt lil Gerald Buhagiar residenti numru 47, "Geraldine House" George Caruana Street, Tarxien, u nghid li ghandu cikatrici bil-forma ta' inverted Y li jidher li hija permanenti, madanakollu jkun ahjar jekk jerga' jigi ezaminat wara sena peress li l-wicc jittrasforma ruhu kontinwament. L-isfregju fil-wicc huwa minimu u ghandu jkompli jitjieb biz-zmien. Ghandu wkoll injury fis-septum ta' l-imnieher, madanakollu dik ma taqax fil-kompetenza tieghi u jkun irid jigi ezaminat minn ENT surgeon. Il-kostatazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet tieghi jidhru indikati kollha fir-rapport li qed nipprezenta illum.* In effetti fl-ewwel Rapport tieghu datat 2 ta' Ottubru 2011, Mr. Gatt ikkonstata u kkonkluda s-segwenti: *the patient who is 52 years old claims to have been punched in the face on 3rd June 2011 and that he lost consciousness for a few moments but this was not associated with amnesia of the incident. He suffered lacerations to his forehead and to the bridge of the nose and these lacerations required 8 sutures. He also suffered a subconjunctival hemorrhage, bilateral peri-orbital haematomas from blood tracking down from the forehead and epistaxis from the injury to the nose. When I saw him he complained of insomnia from persistent fear for himself and his family following the incident, pain in the forehead scar particularly when he sweats because it becomes very sensitive and occasional headaches but no vomiting. He has no residual eye complications but insists his nasal septum is bent and he had difficulty breathing at night.* ***The scar on the forehead in the form of an inverted Y appears to be permanent but this would need to be reviewed after 1 year from the injury. The disfigurement at present is minimal and should improve further with time. As regards the injury to the nasal septum he will need to be assessed by an ENT surgeon***[16].

Ghalkemm in kontro-ezami Mr. Gatt iddikjara li ***qed nigi mistoqsi jekk maz-zmien, distanza ta' per ezempju mill-pedana tax-xhieda sat-tribuna tal-Magistrat fl-Awla numru 6, il-marka, l-inverted Y fuq il-mohh tibqax tidher, nghid li le maz-zmien ma tibqax tidher***[17]. *Qed nigi mistqosi mill-Qorti allura kif din il-marka fuq mohh Gerald Buhagiar hija permanenti, nispjega illi llum* ***peress li l-incident gara ftit tax-xhur ilu hemm in-nefha w allura tidher sew però maz-zmien in-nefha tidher u ghalkemm il-marka tibqa' hemmhekk ma tibqax daqshekk evidenti***[18], meta rega' xehed quddiem il-Qorti fid-9 ta' Mejju 2013, u dana wara li rega' ezamina lil Gerald Buhagair, Mr. Gatt iddikjara li *sussegwentement ghar-rapport originali tieghi ta' Ottubru 2011, fuq rikjesta tal-Qorti ergajt ezaminajt lil Mr. Gerald Buhagiar fil-11 ta' Frar 2013. Kif kont issugerejt fir-rapport tieghi originali l-iscarring li kellu ried jigi rivedut wara*

[15] Enfasi tal-Qorti.
[16] Enfasi tal-Qorti.
[17] Enfasi tal-Qorti.
[18] Enfasi tal-Qorti.

*sena biex jigi determinat wara li l-iscars kienu mmaturaw.* ***Fil-fatt l-iscar issa hija aktar vizibbli milli kienet f'Settembru 2011 u f'wahda mill-limbs of the inverted Y shape tan-naha tax-xellug saret wahda keloidal li huwa the thickening of the scar u saret aktar ovvja. Barra minn hekk il-furrows taz-zewg limbs l-ohra saru aktar fondi. Dawn il-kambjamenti huma permanenti u mhux ser jimpruvjaw aktar fiz-zmien. Ghalhekk hemm degree zghira ta' disfigurement***[19]***.*** Mistoqsi mill-Qorti *irnexxielek tikkwantifikaha d-degree jew le?* Mr. Gatt irrisponda *impossibbli nikkwantifikaha. Il-pazjent qieghed ukoll isofri minn blockage f'imniehru li qieghed iqajmu bil-lejl u anki jkollu diffikultà jiehu n-nifs fuq din digà rah ENT surgeon li bbukkjah ghall-operazzjoni l-Isptar Mater Dei. Dwar id-degree of disfigurement jiena minix an aesthetic surgeon fis-sens li ma nistax nikkwantifika xi haga estetika u barra minn hekk id-disfigurement huwa sew fiziku min-naha ta' estetiku u huwa wkoll mill-lat mentali jigifieri meta jhares fil-mera u jara din l-iscar u trid tara x'effett din jista' jkun ghandha. Jista' jkun hemm il-bzonn li jew jigu involuti aesthetic surgeon biex jikkwantifikaha jew anki psikologu.* Dwar in-natura ta' l-isfregju f'wicc Gerald Buhagiar Mr. Gatt iddikjara li ***ma nistax nghid li huwa sfregju gravi imma sfregju permanenti fil-wicc. ... Dak li nghidulu sfregju li huwa fil-wicc, issa jekk dik hija gravi allura tigi gravi, dan mhux qed twaqqfu milli jaghmel xi haga ezempju xi ghajn li ma tistax tinghalaq minhabba l-iscar***[20]***.*** Ghall-mistoqsija ***jigifieri dan m'ghandux dik il-ferita li kif tarah thgid, x'ferita ghandu f'wiccu!*** Mr. Gatt irrisponda ***m'ghandux hekk***[21].

Fir-Rapport tieghu tas-6 ta' Mejju 2013 Mr. Gatt effettivament ikkonstata u ikkonkluda li *as I had suggested in my original report the scarring needed to be reviewed after at least a year to determine how it would mature. The scar is now more visible than in September 2011 as one of the limbs of the inverted Y shape (the one going to the left side) has become partly keloidal making it obvious. Furthermore the furrows of the other 2 limbs of the inverted Y are now deeper. These changes are permanent and will not improve over time resulting in a small degree of disfigurement. The patient is also suffering from a blocked nose which wakes him up at night with difficulty breathing. He has been booked for surgery by an ENT surgeon at Mater Dei Hospital. The problem needs to be re-evaluated by an ENT surgeon.*

Mill-provi kollha prodotti quddiemha l-Qorti hija tal-fehma li jirrizulta lil hinn minn kull dubju ragonevoli li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Gerald Buhagiar f'wiccu. Ghalkemm l-imputat jipprova jiskolpa lilu nnifsu jew ta' l-inqas jiggustifika r-reazzjoni tieghu billi jikkontendi li Gerald Buhagiar kien imqabbad mieghu u li kien l-istess Gerald Buhagiar li beda l-argument ta' bejniethom, b'dana ghalhekk li jinvoka a favur tieghu l-agitazzjoni tal-mohh u il-provokazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti dak minnu allegat. Jirrizulta lil hinn minn kull dubju ragonevoli wkoll li b'konsegwenza tad-daqqa ta' ponn li qala minghand l-imputat, Gerald Buhagiar sofra sfregju f'wiccu. In kwantu rigwarda l-allegazzjoni li Gerald Buhagiar in segwitu ghal din l-incident beda jsofri minn *blockage* f'imniehru a causa ta' liema qed ibaghti biex jiehu n-nfis, il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta mill-grad ta' prova prodott mill-Prosekuzzjoni. In effetti dan l-

[19] Enfasi tal-Qorti.
[20] Enfasi tal-Qorti.
[21] Enfasi tal-Qorti.

aspett partikolari fil-fehma taghha ma giex assolutament ippruvat ghar-raguni li ghalkemm il-kwistjoni ssemmiet minn Mr. Dennis Gatt kemm fl-ewwel Rapport tieghu kif ukoll fit-tieni Rapport, huwa dejjem stqarr li din hija kwistjoni li ghandha tigi kkunsidrata u determinata minn ENT surgeon u l-Prosekuzzjoni baqghet ma ghamlet xejn fir-rigward, la talbet in-nomina ta' ENT surgeon ghall-fini li jezamina lil Gerald Buhagiar u lanqas ressqet lil Gerald Buhagiar biex jixhed fuq l-izviluppi li kellu fir-rigward ta' din il-kwistjoni partikolari. Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li ma hijiex se tiehu konjizzjoni tal-valur probatorju li jista' jkollha s-sentenza fl-ismijiet "Gerald Buhagiar v. Aaron Schembri" Rik. Nru. 369/12 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ft-12 ta' Frar 2014, esebita minn Gerald Buhagiar permezz ta' Nota ipprezentata fis-7 ta' April 2014, stante li din is-sentenza giet ipprezentata wara li l-istadju tal-provi inghalaq u fi zmien meta l-kawza kienet già thalliet ghas-sentenza.

Minkejja dak appena osservat però il-Qorti ma tistax, minhabba l-mod kif gew dedotti l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat, issib lill-istess imputat hati tar-reati addebitati lilu, u b'mod partikolari in kwantu rigwarda r-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna.

Fic-citazzjoni originali l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat kienu talli fit-3 ta' Gunju 2011, f'xi hin wara nofsinhar, waqt li kien fl-istores ta' l-istabbiliment li jgib l-isem B4 Textiles sitwat f'Zabbar Road, Fgura, u f'dawn il-gzejjer: (1) bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt liema delitt, u cioè ta' offiza ta' natura gravi, ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu, liema ferita kieku saret kellha il-konsegwenzi li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien; (2) ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioè offiza ta' natura hafifa (salv kumplikazzjonijiet) fuq il-persuna ta' Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien skond kif iccertifikat Dr. Diane Balzan, Reg. 2111, mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid; (3) ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi hebb ghal Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara; (4) ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Gerald Buhagiar minn Hal Tarxien ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Min-Nota ta' Rinvju ta' l-Avukat Generali jirrizulta li baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht: (a) l-Artikoli 214, 215 u 218(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikoli essenzjalment jipprovdu li *kull min, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew igibilha disordni f'mohha, ikun hati ta' offiza fuq il-persuna* [Art. 214]; *l-offiza fuq il-persuna tista' tkun gravi jew hafifa* [Art. 215] u *l-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn disa' xhur sa' disa' snin – (b) jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz*; (b) l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li *huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min: ihebb kontra persuna sabiex jingurija, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici*; u (c) l-Artikolu 17 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar il-konkors ta' reati u pieni.

Huwa immedjatament evidenti li filwaqt illi fic-citazzjoni originali l-imputazzjoni ewlenija fil-konfront ta' l-imputat kienet ta' tentattiv ta' ferita gravi fuq il-persuna, konsistenti tali ferita fi sfregju gravi u permanenti fil-wicc, a tenur ta' l-Artikolu 41(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat igorr piena ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa bi grad jew zewg gradi, fin-Nota ta' Rinviju l-Avukat Generali baghat lill-imputat biex jigi ggudikat fuq l-akkuza tar-reat ikkunsmat ta' ferita gravi fuq il-persuna a tenur ta' l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia sfregju gravi u permanenti fil-wicc, liema reat igorr mieghu piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa' disa' snin.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *meta r-rinvju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-inqas reat wiehed, fost dawk imputati, li jaqa' taht il-kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati w anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz ta' l-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinvju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala l-awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat [Art.370(3)(c)], tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor inqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat jew bhala komplici f'dak ir-reat*[22].

Fid-dawl ta' dan il-principju jirrizulta li fil-kaz in ezami l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tar-reat ikkunsmat ta' offiza gravi fuq il-persuna a tenur ta' l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta - ossia ta' sfregju gravi u permanenti fil-wicc - jew alternattivament tar-reat ikkunsmat ta' offiza gravi fuq il-persuna a tenur ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta - ossia sfregju fil-wicc - li hija iktar konsona mar-rizultanzi fattwali ta' dan il-kaz, ghaliex b'hekk tkun qed issib lill-imputat hati ta' reat iktar gravi mir-reat originarjament imputat lilu. In effetti kif iktar 'l fuq rilevat ir-reat a tenur ta' l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jgorr mieghu piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa' disa' snin u r-reat inqas gravi kontemplat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jgorr mieghu piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa' tlett snin, filwaqt illi t-tentattiv ta' reat 'il wiehed jew l-iehor igorr il-piena ghar-reat ikkunsmat imnaqqsa bi grad jew zewg gradi. Ghalkemm skond l-istess principju iktar 'l fuq citat il-Qorti fi kwalunkwe kaz tista' ssib lill-imputat hati tat-tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna, fil-kaz in ezami din il-Qorti dan ma tistax taghmlu.

Il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tat-tentattiv ta' offiza gravi jew tat-tentattiv ta' offiza gravissima fuq il-persuna mhux ghaliex tali reat mhux kontemplat fis-sistema guridika nostrali kif sottomess mill-imputat waqt it-trattazzjoni orali, imma ghaliex f'dan il-kaz l-elementi tat-tentattiv ta' reat ma jirrizultawx.

Jibda biex jigi osservat li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-imputat, is-sistema guridika nostrali effettivament tirrikonoxxi bhala reat it-tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna. Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-

[22] Il-Pulizija v. Michael Carter, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru 2001 u Il-Pulizija v. Peter Azzopardi, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Jannar 2005.

ismijiet **Il-Pulizija v. Marco Borg**, deciza fl-20 ta' Jannar 2014, *illi ghandu jinghad illi sabiex jissussisti r-reat ta' l-offiza volontarja hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Emanuel Zammit****, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk: "Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu." Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dan t-tip ta' reat, kif gie sottolineat, huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dan jitkellem ukoll il-Professur Mamo fin-Noti tieghu fejn jghid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to harm is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." izda imbaghad jghid hekk: "looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo." Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika v. Dominic Briffa*** *deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti ccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul: "Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu "Manuale di Diritto Penale" (Parte Speciale I Giufrè Editore [Milano], nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79: "Quanto al tentattivo, la nostra concezione porta ad ammettere che possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentattivo sia ipotizzabile, non è dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt' altro che infrequente nella pratica, dell' individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la gurisprudenza e la prevalente dottrina opiniano che non è consentito parlare di tentattivo di lesione grave e gravissima e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, per altro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non può sodisfare, non soltanto perchè trascura marcate differenza che esistono nella realtà, ma anche perchè assicura al tentattivo di lesioni gravi o gravissime un trattamento di estrema benignità, trattamento che contrasta nel modo più stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Dì ciò si è reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l' ammissibilità del tentattivo di lesioni gravi o gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale un' unica intenzione criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconsocendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si gustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per il tentattivo de lesione grave o gravissima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei rizultati di cui all'art.583. Se a tale accertamento il giudice non può pervenire, egli adempirà il suo compito applicando - come è logico e giusto - il canone probatorio in dubbio pro reo." Illi fid-decizjoni* ***Ir-Repubblika v. Dominic Briffa****, imsemmija iktar 'l fuq, il-Qorti kkonludiet: "Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioè li jista' jkollok tentattiv ta' offiza*

*gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purchè jigi ppruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima, skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubju li jekk persuna ssawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok."*

Madanakollu però fil-kaz in ezami l-Qorti ma tistax tirraviza l-elementi tat-tentattiv ta' reat, senjatament tar-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna (Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ta' offiza gravissima fuq il-persuna (Artikolu 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta), ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li hawn si tratta mhux ta' tentattiv izda tar-reat ikkunsmat peress illi l-imputat effettivament ta daqqa ta' ponn lil Gerald Buhagiar f'wiccu bil-konsegwenza ta' liema l-istess Buhagiar effettivament sofra sfregju f'wiccu, liema sfregju ghad li wiehed minimu huwa ta' natura permanenti.

L-Artikolu 41(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa l-provvediment tal-ligi rilevanti ghall-kaz in ezami, jipprovdi li *kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel, meta jinsab hati, barra minn meta l-ligi tghid espressament xort' ohra – (a) jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.*

Kif osservat mill-Professur Mamo fin-Noti tieghu *upon an analysis of this definition, it will appear that three elements are essential to constitute a criminal attempt, that is to say – 1. An overt act manifesting the intent to commit a crime; 2. A commencement of the execution of the crime; and 3. The non-completion of the crime by reason of accidental circumstances independent of the will of the offender.*

Hu u jikkonsidra t-tieni element ta' dan ir-reat, ossia *a commencement of the execution of the crime* l-Professur Mamo iddeskriva t-tentattiv bil-mod segwenti *an attempt represents an intermediate stage between the first manifestation into the outside world of the criminal intent and the fulfilment in fact of such intent* u hu u jikkonsidra t-tielet element ta' dan ir-reat, ossia *the non-completion of the crime by reason of accidental circumstances independent of the will of the offender*, il-Professur Mamo osserva illi *so that a man can be held liable only for an attempt it is, of course, essential that the intended crime should not have been already completed. And, lest one should mistake for an attempt that which is really a legally complete crime, it is necessary to have a clear notion of when a crime becomes completed. A crime is completed or perfect when the offender has consummated the violation of the right protected by criminal law. "Il delitto è perfetto quando è consumata la violazione del diritto tutelato dalla legge penale". Carrara repeatedly insists upon the necessity of distinguishing between what he calls "obiettività ideological" of the crime, that is the motive or ultimate purpose of the offender in committing it, with which he calls the "obiettività giuridia" which is accomplished so soon as all the legal elements required by the definition of the particular crime exist, without requiring that the offender shall have achieved the ultimate object at which he aimed in perpetrating it. In this respect we have already seen that a distinction has to be made between "formal" offences, the completion of which*

*postulates a given action but not a given issue, and "material" offences which cannot be completed without the accident of the actual event. Thus, perjury merely requires the act of knowingly giving false evidence on oath before a judicial authority: it is a formal offence and it is completed and not merely attempted even if the falsity, detected in time, could not influence the decision on the case in which the evidence was given. Homicide, on the contrary, is a material offence because it is not completed so long as the victim has not been actually killed.*

Meta l-fatti ta' dan il-kaz – senjatament li l-imputat mar u ta daqqa ta' ponn lil Gerlad Buhagiar f'wiccu bir-rizultat li ghamillu sfregju f'wiccu – jigu ikkunsidrati fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet u principji enuncjati mill-Professur Mamo dwar ir-reat tat-tentattiv ta' delitt, jirrizulta ferm evidenti li f'dan il-kaz wiehed ma jistax jitkellem dwar tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna peress illi kjarament hemm ir-reat ikkunsmat ta' offiza gravi fuq il-persuna.

Ghal din ir-raguni, u ghal din ir-raguni biss, il-Qorti se jkollha tillibera lill-imputat mill-akkuza ta' offiza gravi fuq il-persuna kif dedotta fil-konfront tieghu.

L-imputat gie akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi hebb ghal Gerald Buhagiar sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara u fin-Nota ta' Rinviju l-Avukat Generali baghat lill-imputat biex jigi ggudikat appuntu ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif già iktar 'l fuq osservat mill-provi prodotti jirrizulta lil hinn minn kull dubju ragonevoli li l-imputat hebb ghal Gerlad Buhagiar sabiex jaghmillu hsara. Dan il-fatt jirrizulta b'mod partikolarment evidenti mix-xhieda ta' Terence Vella illi iddikjara li *f'daqqa wahda rajt li l-imputat mar u ta daqqa ta' ponn lil Gerald. Gerald dak il-hin kien bilqieghda ma' l-art qed jixkatla mejda. Aaron kien bil-wieqfa hdejn id-desk ma genbi u mar u ta daqqa ta' ponn lil Gerald. Qabel ma Aaron ta daqqa ta' ponn lil Gerald, bejnu u bejn Gerald kien hemm distanza ta' madwar tlett metri. Mad-daqqa Gerald inxtehet ma' l-art u kellu id-demm.* Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-provi prodotti quddiemha Hija ghandha ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza dedotta kontra tieghu a tenur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti partikolari ta' dan il-kaz kif ukoll in-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuza ta' offiza gravi fuq il-persuna a tenur ta' l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta' l-akkuza li fit-3 ta' Gunju 2011, f'xi hin wara nofsinhar, waqt li kien fl-istores ta' l-istabbiliment li jgib l-isem B4 Textiles sitwat f'Zabbar Road, Fgura, hebb ghal Gerald Buhagiar sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara u tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50).

In oltre a tenur ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghall-fini li tipprovdi ghas-sigurtà ta' Gerald Buhagiar qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu u taht garanzija ta' hames mitt Euro (€500)u dana ghall-perijodu ta' tnax-il (12) xahar mid-data ta' din is-sentenza, u dana skond id-dikjarazzjoni debitament iffirmata mill-akkuzat annessa ma' din is-sentenza u formanti parti integrali minnha.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------